**230. L-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. David Agius jipproponu:**

Peress illi bis-saħħa tal-Att tal-2009 li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, ġew imwaqqfa l-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet li permezz tagħhom ir-residenti ta' sittax-il komunità f'Malta u f'Għawdex għall-ewwel darba ngħataw id-dritt li jeleġġu Kumitat Amministrattiv f'elezzjoni li ssir apposta fost ir-residenti f'kull waħda mill-komunitajiet;

Peress illi l-ħolqien u t-twaqqif tal-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet kien u għadu jifforma parti minn proċess ta' devoluzzjoni tal-poter lill-komunitajiet skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Peress illi l-aħħar elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet saru fis-sena 2014;

Peress illi s-subartikolu (6) tal-artikolu 47A tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi li l-persuni eletti fil-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet għandhom iservu għal perjodu ta' ħames snin u għalhekk l-elezzjonijiet li jmiss kellhom isiru matul is-sena 2019;

Peress illi permezz tal-Avviż Legali 44 tal-2019 il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel bdil fir-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet sabiex l-elezzjonijiet għall-membri tal-Kumitati Amministrattivi li kellhom isiru f'Mejju tal-2019 jiġu posposti għal data oħra li għadha mhix imħabbra u li skont l-istess regolamenti ser jiddeċidiha l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali;

Peress illi effettivament permezz tal-imsemmi Avviż Legali 44 tal-2019 il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ħassar l-elezzjonijiet li kellhom isiru nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2019 għal Kumitati Amministrattivi ta' dawn il-komunitajiet:

1. Marsalforn fil-lokalità taż-Żebbuġ (Għawdex);
2. Xlendi fil-lokalità tal-Munxar (Għawdex);
3. Santa Luċija fil-lokalità ta' Kerċem (Għawdex);
4. Paceville fil-lokalità ta' San Ġiljan;
5. Kappara fil-lokalità ta' San Ġwann;
6. Madliena fil-lokalità ta' San Ġwann;
7. Bubaqra fil-lokalità taż-Żurrieq;
8. Fleur-de-Lys fil-lokalità ta' Birkirkara;
9. Tal-Virtù fil-lokalità tar-Rabat;
10. Ħal Farruġ fil-lokalità ta' Ħal Luqa;
11. St Peter's fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar;
12. Is-Swatar fil-lokalitajiet ta' Birkirkara u l-Imsida;
13. Burmarrad fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar;
14. Il-Baħrija fil-lokalità tar-Rabat;
15. Baħar iċ-Ċagħaq fil-lokalità tan-Naxxar; u
16. Gwardamanġa fil-lokalità tal-Pietà.

U peress illi filwaqt il-Gvern m'għandu l-ebda mandat elettorali biex ineħħi, ixolji jew iwaqqaf il-ħidma tal-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet, huwa xieraq u meħtieġ li dawn il-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet jibqgħu jeżistu, jaħdmu u jiġu eletti mir-residenti tal-komunitajiet f'Malta u f'Għawdex bħala parti minn proċess ta' devoluzzjoni tal-poter u skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Għaldaqstant din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li tħassar, tirrevoka u tannulla r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet – Avviż Legali 44 tal-2019.

02.04.2019

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta 223 tas-17 ta' April 2019.**